MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru. 259/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**

**LEWIS CORDINA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LEWIS CORDINA** ta' sitta w ghoxrin sena bin John u Doris nee Micallef imwieled l-Awstralja nhar s-sbatax ta' Gunju 1976 u residenti Nru 41, Triq il-Ponta, Haz Zebbug, detentur tal-karta ta' l-Identita` Numru 135694M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-Hamis, dsatax u l-Gimgha, ghoxrin ta' Settembru 2002 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel u partikolarment fix-xhur ta' bejn t-tnejn w ghoxrin ta' April 2002 w d-dati fuq imsemmija ta' Settembru 2002 [inkluzivament] bil-hsieb li jdejjaq lil Joseph u lil Helen konjugi Cini, ghamel uzu hazin mill-apparat ta' telekommunikazzjonijiet [telefon] billi

uza l-istess apparat biex dejjaq lil Joseph u Helen Cini billi cemplilhom ripetutament telefonati fir-residenza taghhom fuq in-numru 21554130 w indirizzhom bi kliem oxxen u heddidhom ukoll bil-mewt u bi hsara fil-proprjeta` tal-kwerelant, liema telefonati saru f'hinijiet differenti u anke fl-eqqel tal-lejl.

Talli bhala Ufficjal Pubbliku u cioe` Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija kkommetta r-reati hawn fuq imsemmija kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi li dawn r-reati ma jsirux.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju;

Rat d-dokumenti kollha esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta' Awissu 2002 **xehed Joseph Cini** fejn spjega li l-imputat ghandu post fir-rahal taz-Zebbug u hdejn dak tal-kunjatu tieghu. Illi dwar il-proprjeta` in kwistjoni l-kunjatu tieghu pprezenta mandat t'inibizzjoni kontra l-imputat li gie milqugh mill-Qorti u bhala rizultat ta' dan l-imputat ha ghalih, beda joffendih, jheddu w icempilli b'mod anonimu ripetutament. Illi huwa pprezenta dokument li l-Qorti mmarkat bhala dokument ‘CSH' li huwa l-kliem li qallu l-imputat fuq it-telefon nhar il-Hamis, dsatax ta' Settembru 2002 u l-ghoxrin ta' Settembru 2002 u cioe "*fejn hu Alan, ha nqattghu, fejn hu, fejn ha Fabian, fejn hu Gilbert, fejn hi Helen ha n…… ja l….. ja l………… Incempillek fis-saghtejn u fl-erbgha Joe, ja l…. ha nahraqlek kollox, nah……. kollox Joe, ja l………*"

Illi wara din t-telefonata huwa beda jghamillu l-ghassa ghaliex effettivament kien qed jircievi hafna tant li fil-perjodu ta' bejn t-tnejn u w ghoxrin ta' April 2002 u t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2003 ircieva tnejn u ghoxrin telefonata minn gewwa varji *telephone booths* f’Malta u Ghawdex u huwa dejjem gharaf il-lehen ta’ Cordina. Huwa ghalhekk dahhal l-I D caller u s-sistema tal-MTC [malicious trace caller] u beda jiccekkja fejn kienu jghajjtu

n-numri tat-telefonati li bdew jidhru fuq l-ID caller tramite program li huwa ghandu fuq il-computer w irrizulta li dawn saru kemm minn lokalitajiet f'Malta kif wkoll f'Ghawdex. Huwa beda jdur mat-*telephone booths* u jaghmel l-ghassa lill-imputat w appena ccempillu l-mara mid-dar fuq il-mobile phone tieghu, huwa kien imur jigri hdejn il-lokalita` ndikata lilu w effettivament kemm ‘il darba inzerta lill-imputat hdejn dik il-gabbana partikolari tat-telefon.

Illi huwa wkoll kkonferma li whud mit-telefonati saru Malta mill-Mellieha fil-granet meta huwa kien qed jahdem Malta, stazzjonat bhala Pulizija fl-Ghassa tal-Mellieha u meta kien icempel l-Ghassa, minnufih il-Pulizija kienu jghidulu li kien ikun ghadu kif hareg fuq qadja.

Huwa esibixxa wkoll dokument li l-Qorti mmarkat bhala dokument ‘CSH 3’ li hu lista ta' numri li kienu jidhru fuq il-I D caller tieghu u l-lista tal-postijiet minn fejn kienu jsiru dawn in-numri.  Din il-lista ma giet kontestata minn hadd u ghalhekk stante li din giet esibita waqt li x-xhud Joseph Cini kien fil-pedana tax-xhieda, dan id-dokument jikkostitwixxi prova intiera.

Huwa esibixxa wkoll diversi ricevuti tal-hlas li ghamel mal-Maltacom ghas-servizz tal-MTC [malicious trace caller] ghal diversi xhur u kopja ta’ l-applikazzjoni li mela' sabiex il-Maltacom taghti l-ghajnuna mehtiega lill-Pulizija Ezekuttiva dwar in-numru tat-telefon tieghu 21554130.

**PS 298 xehed** li huwa stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mellieha flimkien ma’ l-imputat w irrakkonta dak li kien gara fid-dsatax ta' Settembru 2002 meta ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija huwa dahal ghax-xoghol u waqt li fl-Ghassa kien ircieva telefonata minghand Joseph Cini u gie mistoqsi jekk l-imputat kienx xoghol l-Mellieha nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2002 minn nofs il-lejl 'l quddiem, huwa wiegbu fl-affermattiv.

Issa mid-dokument esibit fis-seduta tas-sebgha ta' Awissu 2003 minn Helen Cini jirrizulta li zewgha Joseph Cini dakinhar ta’ l-ghoxrin ta' Settembru 2002 ghall-habta tas-siegha u sebgha w ghoxrin minuta ta' filghodu sas-

saghtejn u sitt minuti ta' filghodu rcieva zewg telefonati mit-*telephone booth* tal-Mellieha u skond l-istess Helen Cini hija gharfet il-lehen ta’ l-imputat.

**L-Ispettur Kenneth Haber xehed** nhar s-sebgha ta' Awissu 2003 fejn ikkonferma li l-imputat huwa mpjegat fil-Korp tal-Pulizija u jgib in-numru PC 528 w ilu hekk impjegat mill-hmistax ta' Dicembru 1995. Huwa esibixxa wkoll dokument li jindika id-duty li kellu l-imputat fil-perjodu ta' bejn t-tnejn u ghoxrin ta' April 2002 sa’ l-ghoxrin ta' Settembru 2002.

**Helen Cini xehdet w ikkonfermat** li hija rceviet diversi telefonati minghand l-imputat u tiftakar data partikolari u cioe` dik tat-tlieta w ghoxrin ta' April 2002 meta gharfet lil imputat u beda joffendiha b'ommha. Qabel din t-telefonata kien iltaqa maghha hdejn il-flat taghha z-Zebbug u beda joffendiha u baqa joffendiha bl-istess diskors fuq it-telefon.

**L-Ispettur Antonello Grech xehed** li appena beda jinvestiga l-kaz, hu kellem lil Joseph Cini u dan qallu mill-ewwel li kellu suspett fl-imputat ghaliex kellhom xi kwistjoni familjari minhabba xi hrug ta' permess mill-MEPA. Kien qallu li kien qed isegwih bil-karozza u li jarah jaghmel t-telefonati mit-*telephone booth* u meta immedjatament wara kien icempel id-dar tieghu minn fuq il-mobile, martu kienet tghidlu li l-imputat kien ikun ghadu kemm qata’ l-linja u meta kien jiccekkja in-numru ta' minn fejn saret t-telefonata, dan kien jaqbel mall-gabbana tat-telefon in kwistjoni.

Il-Qorti rat wkoll d-dikjarazzjoni tal-konjugi Cini kif registrata fl-atti nhar d-disgha ta' Dicembru 2003 u cioe` li huma m'ghandhomx interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri u li huma kienu qed jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali. Pero` dan nonostante, ghaliex dawn huma proceduri *ex officio*, il-Qorti kellha tkompli miexja bil-kaz.

Rat d-digriet taghha tal-hmistax t' April 2004 fejn il-Qorti ordnat l-prosegwiment tal-kawza u li l-Prosekuzzjoni ma

naqsitx meta ma pprezentatx il-Fiat to Prosecute tar-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijet.

**Semghet lill-imputat jixhed** fil-hmistax t' April 2004 fejn ikkonferma li veru jaf lil Joseph Cini ghaliex ghandu flat ma gemb il-kunjatu ta' Joseph Cini, ghalkemm qal li qatt ma kellmu. Cahad li kellem lil Joseph Cini fil-lejl ta' bejn d-dsatax u l-ghoxrin ta' Settembru 2002, ghalkemm ikkonferma li veru kien il-Mellieha dak l-lejl, anzi c-Cirkewwa ma’ PC 1513 mis-saghtejn u nofs ta' filghodu sal-hamsa ta' filghodu.

**PC 1513 xehed** li l-imputat huwa kollega tieghu u qal li dakinhar stess ta’ l-ghoxrin ta' Settembru 2002 l-imputat kien qallu biex jiehu nota ta' dik d-data ghaliex il-probabilita` kienet li Joseph Cini kien ser icempel l-Ghassa u jistaqsi ghalih. Huwa kkonferma li l-imputat mar hdejh c-Cirkewwa ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu u baqa hemm sas-saghtejn u nofs u hamsa ta' filghodu u fil-presenza tieghu ma cempel lil hadd.

Illi bir-rispett kollu x-xhieda ta’ l-imputat fid-dawl tal-provi mismugha ma tantx hija kredibbli fic-cirkostanzi. Il-probabilita` li l-imputat qal lil PC 1513 biex jiftakar d-data kienet ghaliex huwa kien qed jittanta jipprepara l-alibi tieghu.

Il-Qorti thoss li l-imputat huwa skreditat minn hafna provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 34(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u peress li l-parte civile l-konjugi Cini hafru lill-imputat ghal dak li ghamel, il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat LEWIS CORDINA hati tar-reati kif imputati fil-konfront tieghu, tiddecidi billi tikkundannah multa ta' mitt lira Maltin (Lm100).**

**Il-Qorti taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-imputat possibilment ma jghaddix proceduri dixxiplinari fid-**

**dawl ta' din is-sentenza u dan ghaliex, fil-fehma taghha, l-imputat ha l-piena idoneja u anke in vista tar-rinunzja da parti tal-konjugi Cini.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------